MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Rikors Numru. 36/2015

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi huwa kien izzewweg lil C xebba T, nhar l-ghaxra ta' Novembru tas-sena 1962 gewwa l-Ingilterra, u fil-fatt, sussegwentement, il-kontendenti kienu gew jghixu lura Malta;

Illi frott ta' dan iz-zwieg kienu twieldu zewg ulied G (data tat-twelid : 21/09/1964) u D (data tat-twelid : 02/1968) ahwa B pero kien irrizulta illi MB ma kienx il-missier bijologiku ta' D u fil-fatt kienet saret kawza ta' denegata ta' paternita u r-rikorrenti ma baqax aktar dikjarat bhala l-missier naturali ta' DB;

Illi z-zwieg bejn il-parrtijiet kien tkisser irrimedjabbilment, tant illi l-partijiet kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr George Cassar datat 27 ta' Dicembru 1968;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom snin twal mifrudin legalment, u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u ghandhom il-familji rispettivi taghhom;

Illi illum iben ir-rikorrenti, Guy Bonello ghandu 51 sena, filwaqt illi ma hemm ebda manteniment dovut ghal martu l-intimata;

Illi dawn il-fatti precitati jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju a tenur ta' l-Artikolu 66B tal-Kap. XV1 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara li ma issib ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti, anzi taqbel maghhom;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Frar, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Dicembru 1968;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------